MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 604/2010

**Carmela *sive* Carmen Sant**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-14 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi l-esponenti twieldet fis-16 ta' Ġunju, elf disgħa u ħamsa u erbgħin (1945) u t-twelid tagħha ġie reġistrat b'att numru ħamest elef u disgħa u disgħin (5099) tal-istess sena (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A)

2. Illi fl-istess att l-isem li biha għandha tissejjaħ l-esponenti ġie ndikat bħala Carmela meta fil-fatt hija dejjem ġiet imsejħa bħala Carmen kemm fid-dar tal-

ġenituri tagħha u kemm minn sħabha, hekk ukoll fl-iskola u fid-diversi postijiet fejn kienet impjegata. Saħansitra meta kkontestat l-elezzjoni ġenerali u ġiet eletta fil-Parlament u ħadet il-ġurament tal-leata' isimha, f'kull okkażjoni ġie ndikat bħala 'Carmen'. Fuq il-passaport u l-karta tal-identita' tagħha dejjem kienet ġiet imsemmija bħala Carmen.

3. Illi hi tixtieq li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tagħha fuq imsemmi u wkoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u għall-ulied u dixxendenti tal-istess.

Jgħid għalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex din il-Qorti tiddeċiedi billi:

1. Tordna l-korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta' l-istess esponenti numru 5099/1945 u dana billi l-kolonna *'Ismijiet mogħtijin'* u l-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* flok l-isem *"Carmela"* tniżżel il-kelma *"Carmen"* prevja dikjarazzjoni li l-attriċi dejjem kienet magħrufa bl-isem "Carmen".

2. Tordna li l-bdil surreferit effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u għall-ulied u dixxendenti tal-istess esponenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-2 ta' Lulju 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi *in limine litis* ukoll ikun ferm aħjar li kieku t-talbiet tar-rikorrenti kif imniżżla fir-rikors ġuramentat tagħha jiġu preċeduti minn talba oħra separata li permezz tagħha titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex *a tenur* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta tiddikjara li hi kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem ta’ ‘Carmen’ u mhux bl-isem ta’ ‘Carmela’ kif hekk jidher fl-att tat-twelid tagħha;

3. Ili subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-ewwel talba l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-OnorabbliQorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi. Għalhekk f’dan l-istadju l-esponenti umilment jistieden lir-rikorrenti sabiex tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits biex jikkonfutaw it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement imsejħa bl-isem ta’ ‘Carmen’ u mhux ta’ ‘Carmela’;

4. Illi bla ħsara għall-premess dwar it-tieni talba attriċi biex din tkun tista’ tintlaqa’ r-rikorrenti *a tenur* tal-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta għandha tispeċifika n-nurmu u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hi qegħda tagħmel riferenza għalihom;

5. Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponenti u kwindi huma m’għandhomx jiġu assoġġettati għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Rat id-digriet tal-20 ta’ Ottubru 2010 li permezz tiegħu ġie korrett parzjalment ir-rikors billi żdiedu xi kliem;

Rat l-affidavits;

Rat illi permezz tal-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Novembru 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artiklu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata mill-provi prodotti minnha. Jidher infatti illi hija dejjem kienet magħrufa bl-isem ‘*Carmen’*. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak li ġara u ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi kif korretti; l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------